MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 136/2009

**MCF Construction Limited C33224**

**Vs**

**Venille Company Limited C 17269**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors mahluf tas-socjeta` attrici li biha talbet:

Illi is-socjeta` rikorrenti u s-socjeta` intimata kienu dahlu fi ftehim pubbliku ippublikat fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja tas-sittax (16) ta’ Jannar tas-sena elfejn u tmienja (2008) tramite liema s-socjeta` intimata ikkostitwiet ruhha vera, certi u likwidi debitur a favur tas-socjeta` rikorrenti fl-

ammont ta’ mija u tmienja u ghoxrin elf mija u hmistax-il euro (Euro 128,115) liema somma kellha tithallas lura lis-socjeta` rikorrenti bla imghax sa-sittax (16) ta’ Jannar tas-sena elfejn u disgha (2009);

Illi minkejja li s-socjeta` intimata giet interpellata biex thallas il-bilanci dovuti u tottempra ruhha ma dak miftiehem, hija baqghat inadempjenti;

Illi d-debitu huwa cert, likwidu u dovut;

Illi s-socjeta` intimata m’ghandhiex eccezzjonijiet x’taghti in kontro-trattazzjoni tat-talbiet attrici u ghalhekk jippersistu c-cirkostanzi kontemplati fl-artikolu 167-170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talab illi din il-Qorti:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh kif provdut fl-artikoli 167-170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.
2. Tikkundanna lis-socjeta` intimata li thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ mija u tmienja u ghoxrin elf mija u hmistax-il euro (Euro 128,115);

Bl-ispejjez inkluz dawk ta’ mandati li ser jigu ipprezentati fil-mori tar-rikors odjern, u l-ittri ufficjali kif ukoll bl-imghax kontra s-socjeta` intimata li hija ngunta in subizzjoni.

Rat illi s-socjeta` konvenuta ammettiet it-talba kif maghmula fir-rikors wara illi l-qorti fissret it-talba lir-rapprezentant taghha.

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta` konvenuta, it-talba maghmula fir-rikors tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tas-socjeta` konvenuta, tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta` attrici kif maghmula fir-rikors bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------